

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 123/2011

tal-11 ta' Frar 2011

**li jiffissa l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni għall-prodotti tas-sajd elenkti fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 għas-sena tas-sajd 2011**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (<sup>1</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) u (6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-prezz tal-bejgħ tal-Unjoni għandu jiġi ffissat għal kull wieħed mill-prodotti elenkti fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 104/2000 qabel il-bidu tas-sena tas-sajd, flivell li jkun tal-anqas ugħwali għal 70 % u li ma jaqbiżx id-90 % tal-prezz ta' gwida.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/2010 (<sup>2</sup>) jiffissa prezziżjiet ta' gwida għas-sena tas-sajd 2011 għall-prodotti kollha kkonċernati.
- (3) Il-prezzijiet tas-suq ivarjaw konsiderevolment skont l-ispeċi u skont kif ikunu ppreżentati l-prodotti, partikolarmen fil-każ tal-klamar u tal-marlozz.
- (4) Il-fatturi tal-konverżjoni għandhom għalhekk ikunu ffis-sati għall-ispeċijiet differenti u għall-preżentazzjoni jiet.

differenti tal-prodotti ffriżati li jinħattu l-art fl-Unjoni sabiex ikun stabbilit il-livell tal-prezz li jwassal għall-miżura tal-intervent ipprovduta fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

- (5) Sabiex ma tkunx imxekkla l-operazzjoni tas-sistema ta' intervent fis-sena 2011, dan ir-Regolament għandu japplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2011.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd.

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

**Artikolu 1**

Il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni, kif imsemmija fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, applikabbi matul is-sena tas-sajd 2011 għall-prodotti elenkti fl-Anness II għal dak ir-Regolament u l-preżentazzjoni jiet u l-fatturi tal-konverżjoni li huma relatati magħhom huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 343, 29.12.2010, p. 6.

## ANNESS

## IL-PREZZIJIET TAL-BEJGĦ U L-FATTURI TAL-KONVERŻJONI

Speċi	Preżentazzjoni	Il-fattur ta' konverżjoni	Il-livell tal-intervent	Il-prezz tal-bejgħ (f'EUR għal kull tunnellata metrika)
Ħalibatt tal-Groenlandja ( <i>Reinhardtius hippoglossoides</i> )	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 629
Marlozz ( <i>Merluccius spp.</i> )	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 047
	Fi fletti individwali			
	— bil-ġilda	1,0	0,85	1 273
	— bla ġilda	1,1	0,85	1 401
Sparidae ( <i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus spp.</i> )	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	1 230
Pixxispad ( <i>Xiphias gladius</i> )	Shih jew imnaddaf, bir-ras jew mingħajrha	1,0	0,85	3 449
Gambli u gambli kbar (prawns) <i>Penaeid shrimps</i>	Iffriżat			
(a) <i>Parapenaeus Longirostris</i>		1,0	0,85	3 461
		1,0	0,85	6 641
Siċċ ( <i>Sepia officinalis</i> , <i>Rossia macro-soma</i> u <i>Sepiola rondeletti</i> )	Iffriżat	1,0	0,85	1 628
Klamari ( <i>Loligo spp.</i> )				
(a) <i>Loligo patagonica</i>	— sħaħ, mhux imnaddfa	1,00	0,85	997
	— imnaddfa	1,20	0,85	1 196
(b) <i>Loligo vulgaris</i>	— sħaħ, mhux imnaddfa	2,50	0,85	2 493
	— imnaddfa	2,90	0,85	2 891
Qarnit ( <i>Octopus spp.</i> )	Iffriżat	1,00	0,85	1 837
<i>Illex argentinus</i>	— sħaħ, mhux imnaddfa	1,00	0,80	698
	— tubu	1,70	0,80	1 187

Forom ta' preżentazzjoni kummerċjali:

sħiħ, mhux imnaddaf: prodott li ma jkun sarlu l-ebda trattament

imnaddaf: prodott li għallinqas ikun tnaddaf

ftubu: ġisem tal-klamar li għallinqas ikun tnaddaf u tkun tneħħietlu r-ras